MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 23

Il-Ġimgħa 16 ta' Jannar 2026

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ġimgħa 16 ta' Jannar 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

23.1.1 Minħabba li l-membri kollha tal-Kunsill kienu preżenti ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

23.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 22 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

23.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

23.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

23.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, stqarr li l-attivitajiet tax-xahar ta' Diċembru ġew imtella' b'suċċess u kien hemm attendenza numeruża f'kull attivita'. L-amministrazzjoni tal-Kunsill issa għaddejja bil-proċessi ta' ħlas għas-servizzi mogħtija kif ukoll ħidma amministrattiva biex jiġu sottomessi l-*claims* mal-ministeri u l-entitajiet rispettivi.

23.3.2 Is-Sindku ppropona sabiex isir fuljett ta' informazzjoni dwar il-proġetti mwettqa mill-Kunsill u l-attivitajiet organizzati fis-sena 2025 li jitqassam f'kull residenza fil-Munxar u x-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

23.3.3 Is-Sindku awgura lill-Kunsillier John Farrugia f'jum għeluq sninu, u esprima l-awgurju sinċier tiegħu għal aktar ħidma siewja fil-qadi tal-komunità.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 23.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

23.4.1 Il-Viċi Sindku, Carmela Parnis ressqet suġġeriment sabiex tinstab soluzzjoni u jekk hemm bżonn jinbena mill-ġdid sprall li jinsab fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Dan minħabba taħbit u ħsejjes kull x'ħin tgħaddi karozza minn fuqu. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jieħu parir mingħand il-Perit tal-Kunsill u jsir ix-xogħol meħtieġ.

23.4.2 Il-Kunsillier Mark Busuttil ġibed l-attenzjoni dwar il-magna tar-riċiklaġġ tal-fliexken li ġiet installata riċentement fi Pjazza Anfori fix-Xlendi li din mhix taħdem. Il-Kunsill innota dan u se jieħu azzjoni billi jirrapporta l-ħsarat u jsegwi din il-problema sabiex dan is-servizz jibda jingħata mingħajr problemi.

23.4.3 Il-Kunsillier John Cassar ġibed l-attenzjoni sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq tappiera, li niżlet 'l isfel minn wiċċ il-pavimentar, fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Kien hemm qbil sabiex isir ix-xogħol neċessarju.

## 23.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

23.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-amministrazzjoni tal-Kunsill għaddejja b'komunikat kontinwu mal-Perit tal-Kunsill sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex jiġu nstallati d-dwal dekorattiv fi Triq Rumani u Triq Kavallier fix-Xlendi. Il-proċess tas-sejħa għall-offerti ġie konkluż u ser jiġi ffirmat il-kuntratt fil-jiem li ġejjin.

23.5.2 Is-Sindku għarraf ukoll lill-membri li l-amministrazzjoni tal-Kunsill għaddejja b'komunikat kontinwu mal-Perit tal-Kunsill sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex ikomplu jiġu nstallati r-*railings* fi Triq San Xmun fix-Xlendi (fejn dak il-parkeġġ iż-żgħir), kif ukoll, biex tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għal dawn ix-xogħlijiet.

23.5.3 Fir-rigward tal-iskema SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament : Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita', is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill ser ikun qed jibda wkoll il-proċessi mal-Perit għall-permessi

Kunsill Lokali Il-Munxar

neċessarji u għas-sejħa għall-offerti biex isir il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Ġnien Ġebla tal-Poplu fil-Munxar.

23.5.4 Dwar ix-xogħlijiet ta' bdil ta' żewġ palmiet fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi, il-Kunsill ser ikun qed jiffirma l-kuntratt mal-kuntrattur fil-jiem li ġejjin, wara li s-sejħa għall-offerti ġiet konkluża. Il-Kunsill ingħata l-parir biex dan ix-xogħol isir għall-ħabta t'April 2026 minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp xitwi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

23.5.5 Is-Sindku għarraf ukoll lill-membri li l-Kunsill qed jagħmel pressjoni ma' Enemalta Plc u mal-kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet fit-tisħiħ tad-distribuzzjoni tal-elettriku, sabiex jitkompla x-xogħol kif approvat fil-permessi billi jagħti wiċċ ġdid bit-tarmak fi Triq il-Kantra u Triq San Xmun fix-Xlendi.

## 23.6 Attivita' tal-Karnival fil-Munxar 2026;

23.6.1 Is-Sindku informa lill-membri li, wara s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja sabiex il-Kunsill ikun jista' jorganizza l-attivita' tal-Karnival fil-Munxar, il-Kunsill ingħata fondi kemm mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali taħt l-iskema SPI/SCI/05/2025 kif ukoll mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. L-attivita' se ssir nhar il-Ħamis 12 ta' Frar 2026 mill-5.00pm 'il quddiem.
L-attivita' se tinkludi prestazzjonijiet ta' żfin, maskaruni u karrijiet minn diversi kumpaniji tal-Karnival, kif ukoll sfilata bil-kostumi mit-tfal tal-lokalita', kif isir kull sena. Il-membri qablu unanimament ma' dan, kif ukoll li jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza fil-lokalita'.

## 23.7 Festa San Pawl Nawfragu – 10 ta' Frar 2026;

23.7.1 Is-Sindku fakkar lill-membri dwar il-Pontifikal Solenni nhar il-Festa ta' San Pawl Nawfragu, it-Tlieta 10 ta' Frar 2026 fid-9.00 ta' filgħodu. Il-membri ħadu nota ta' dan u kien hemm qbil li l-Kunsill jipprovdi l-assistenza u l-għajnuna meħtieġa għal din il-festa, kif isir kull sena f'dan il-jum.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 23.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

23.8.1 Il-Kunsill Lokali rċieva approvazzjoni mingħand il-Ministeru Għal Għawadex u L-Ippjanar għall-għajnuna finanzjarja biex tittella' l-attivita' tal-Karnival wara li kienet sottomessa applikazzjoni mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.2 Wara s-sejħa mill-Ministeru Għall-Agrikultura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali biex il-Kunsilli jesprimu l-interess tagħhom għall-akkwist ta' siġar tal-palm, il-Kunsill Lokali ġie nfurmat li t-tip ta' palm mhux bħalma ġie mitlub biex ikun bħall-oħrajn li jinsabu fi Triq L-Isqawi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-kumpanija tal-assigurazzjoni bi proposta sabiex fil-polza eżistenti tiżdied kopertura għall-attivitajiet kollha li l-Kunsill jagħmel matul is-sena. Din il-proposta ser tkun suġġett għal żieda ta' €1,000 fis-sena b'żieda mal-ħlas annwali li normalment jitħallas biex tiġġedded il-polza tal-Kunsill. Kien hemm qbil mill-membri dwar din il-proposta.

23.8.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu, li fiha l-Kunsilli jiġu mħeġġa sabiex jippreżentaw nominazzjonijiet għal diversi unuri f'oqsma differenti li jkunu kkontribwew għalihom fis-sena 2025. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jissottometti nominazzjoni għal "The Gozo Cultural Niche Tourism Achievement Award 2025" b'rabta mal-avveniment annwali li l-Kunsill jorganizza bl-isem "Fireworks and Gastronomy Festival".

23.8.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta li ġiet milqugħa talba biex isir parkeġġ riservat personalizzat permanenti fi Triq Żirżieb fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex għat-tieni darba issir l-attivita' kulturali flimkien mas-Seminarju Minuri t'Għawdex bl-isem "Għawdex tikka tikka, kull tikka storja, kull storja aħna!". Kien hemm qbil dwar id-data tat-Tlieta 27 ta' Jannar 2026 u jsir kollox bħall-ewwel attivita' għal dan it-tieni grupp ta' studenti.

23.8.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Iskola Primarja ta' Sannat b'talba għall-kollaborazzjoni f'Jum iċ-Ċelebrazzjoni fejn studenti jiġu

Kunsill Lokali Il-Munxar

ppremjati għall-impenn tagħhom matul is-sena skolastika. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jagħti s-sehem tiegħu bħas-sena l-oħra.

23.8.8 Wara diversi lmenti dwar il-ħsejjes eċċessivi u l-ħsara li hemm fl-infrastruttura tal-*istorm water culvert* li jinsab fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar, il-Kunsill irċieva rakkomandazzjoni mill-Perit tal-Kunsill sabiex dan jerġa' jinbena mill-ġdid minħabba li l-kawża hija l-bażi tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jissottometti l-applikazzjoni għall-permessi neċessarji biex isir dan ix-xogħol kemm jista' jkun malajr.

23.8.9 PQ 33090 – Rapport tal-Awditur Ġenerali għas-sena 2024 – Kunsilli Lokali – Supplementary Income. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

23.8.10 Ċirkulari SPI/SCI/10/2025 – Korsijiet Lifelong Learning 2026/2027 Offruti mid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.11 Ċirkulari Nru AKL 2025/074 – ALDA Migration Hub: Citizens Without Citizenship Online Event. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2025/075 – Exchange of New Year Greetings 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.13 Ċirkulari Nru AKL 2025/076 – ALDA Training on Strengthening Diversity, Equality and Inclusion in Municipalities 13th January. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.14 Ċirkulari Nru AKL 2026/001 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2026. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil mill-membri biex din il-polza terġa' tiġi mġedda.

23.8.15 Ċirkulari Nru AKL 2026/002 – Auditing Preparation Workshop 13/01/2026. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.16 Ċirkulari Nru AKL 2026/003 – International Epilepsy Day. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

23.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2026/004 – Lions Club Initiative. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.20 Ċirkulari Nru AKL 2026/005 – Dokumenti LCA 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.21 Ċirkulari Nru AKL 2026/006 – Tnedija tad-dokumenti "Open Spaces" 12/02/2026. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.22 Ilment 74/2026
Resident jitlob sabiex isir *double yellow line* ta' metru fuq naħa waħda tal-garaxx tiegħu fi Triq Żirżieb fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

223.8.23 Ilment 75/2026
Residenta titlob sabiex tiġi ndirizzata l-problema ta' *over-speeding* fi Triq San Pawl għal Triq Ras-il-Bajjada fil-Munxar. Kien hemm qbil sabiex isiru tabelli tat-traffiku.

23.8.24 Ilment 76/2026
Residenta titlob sabiex jitneħħa *double yellow line* li hemm matul il-*plot* tagħha kif ukoll issir manutenzjoni fuq bankina fi Triq Punċi fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

23.8.25 Ilment 77/2026
Resident jitlob sabiex tinqala' parti mill-bankina quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Ranċiż fix-Xlendi u ssir tappiera fil-wiċċ tal-bankina fejn hemm is-sifjun minħabba li meta kienet saret il-bankina baqgħu għaddejjin bil-madum fuq is-sifjun ukoll. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 23.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

23.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 23/2026-9 għall-perjodu bejn l-10 ta' Diċembru 2025 u is-16 ta' Jannar 2026 li tammonta għal €52,275.72 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar is-sekondant.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 23.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

23.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 20 ta' Frar 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ġimgħa 20 ta' Frar 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Il-Munxar